MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 146/2006

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177).**

**vs.**

**Group C. Limited (C 3180) bhala debitur principali; u Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tad-29 ta' Mejju 2006 gew appuntati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti Kenneth Caruana (ID155274M) bhala garanti solidali; u George Farrugia (ID735848M) u martu Josephine maghrufa bhala Josette Farrugia (ID439651M) bhala garanti solidali.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta' HSBC Bank Malta plc (C 3177) datat 24 ta' Frar 2006 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kumpanija ntimata Group C Limited hija debitrici tal-Bank rikorrenti fl-ammont globali ta’ mitejn u sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u sitta u disghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm227,696.86 = €530,391.01) *oltre* l-imghax mis-17 ta’ Frar 2006 dovut lill-istess Bank, kif spjegat ahjar hawn taht:

a) Wiehed u hamsin elf sitt mija u hamsa u tmenin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm51,685.31 = €120,394.39) dovuti lill-Bank rikorrenti in kwantu ghal sebgha u tletin elf seba’ mija u wiehed u tmenin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm37,781.66 = €88,007.59) bhala l-bilanc kapitali fuq il-“*Loan Account*” bin-numru 033-086356-300 u r-rimanenti tlettax-il elf disa’ mija u tliet liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm13,903.65 = €32,386.79) bhala mghax fuq l-istess “*Loan Account*” sas-16 ta’ Frar 2006 kif jirrizulta mill-i*statement* anness bhala Dok “P1”. *Oltre* l-imghax mis-17 ta’ Frar 2006 sad-data tal-pagament effettiv, liema self inghata permezz ta’ kuntratt datat is-7 ta’ Settembru 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard (Dok. “K1”); u

b) Sebgha u hamsin elf, erba’ mija u disgha u hamsin lira Maltija u centezmu (Lm57,459.01 = €133,843.49) dovuti lill-Bank rikorrenti in kwantu ghal hamsa u tletin elf disa’ mija u tmienja u tletin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm35,938.48 = €83,714.14) fuq “*Loan Account*” bin-numru 033-086356-301 u r-rimanenti wiehed u ghoxrin elf hames mija u ghoxrin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm21,520.53 = €50,129.35) bhala mghax fuq l-istess “*Loan Account*” sas-16 ta’ Frar 2006 kif jirrizulta mill-i*statement* anness bhala Dok “P2”, *oltre* l-imghax mis-17 ta’ Frar 2006 sad-data tal-pagament effettiv, liema self inghata permezz ta’ kuntratt datat id-9 ta’ Jannar 1995 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard (Dok.”K2”); u

c) Sitta u erbghin elf mitejn u tmienja u erbghin lira Maltija u tletin centezmu (Lm46,248.30 = €107,729.56) dovuti lill-Bank rikorrenti in kwantu ghal tletin elf hames mija u erbgha u sittin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm30,564.34 = €71,195.76) bhala bilanc

kapitali fuq "*Loan Account*" bin-numru 033-086356-302 u r-rimanenti hmistax-il elf sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm15,683.96 = €36,533.80) bhala mghax fuq l-istess "*Loan Account*" sas-16 ta' Frar 2006 kif jirrizulta mill-i*statement* anness bhala Dok "P3", *oltre* l-imghax mis-17 ta'  Frar 2006 sad-data tal-pagament effettiv, liema self inghata permezz ta' kuntratt datat it-28 ta' Awissu 1996 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard (Dok "K3"); u

d) Tnejn u sebghin elf, tliet mija u erba' liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm72,304.24 = €168,423.57) dovuti lill-Bank rikorrent in kwantu ghal sitta u hamsin elf hames mija u sittin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm56,560.63 =€131,750.83) bhala bilanc kapitali fuq il-"*Rescheduled Overdraft Account*" bin-numru 033-086356-360 liema kont qabel kien bin-numru 033-086356-001 u r-rimanenti hmistax-il elf seba' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm15,743.61 =€36,672.75) bhala mghax fuq l-istess "*Rescheduled Overdraft Account*" sas-16 ta' Frar 2006 kif jirrizulta mill-i*statement* anness bhala Dok."P4", *oltre* l-imghax mis-17 ta' Frar 2006 sad-data tal-pagament effettiv, liema facilita` ta' "*Overdraft*" inghatat permezz ta' kuntratt datat is-7 ta' Settembru 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard (Dok "K4");

Illi l-intimat Kenneth Caruana kkostitwixxa ruhu garanti solidali mal-kumpanija debitrici principali Group C Limited u mal-garanti l-ohra favur il-Bank rikorrent sa l-ammont komplessiv (*oltre* mghax u spejjez kif jirrizulta mill-*guarantee forms* hawn taht imsemmija) ta' mija u tletin elf lira Maltija (Lm130,000.00 = €302,818.54), in kwantu ghal tletin elf lira Maltija (Lm30,000 = €69,881.20) mis-somma msemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 7 ta' Settembru 1993 annessa bhala dokument "G1", in kwantu ghal sittin elf lira Maltija (Lm60,000 = €139,762.40) mis-somma msemmija kif jirrizulta mill-*Guarantee Form* datata 7 ta' Settembru 1993 annessa bhala dokument "G2" u in kwantu ghar-rimanenti erbghin elf lira Maltija (Lm40,000 = €93,174.94) kif jirrizulta mill-*Gurantee Form* datata 9 ta' Jannar 1995 annessa bhala dokument "G3"; u

Illi fit-22 ta’ Marzu 25002 il-Bank esponent interpella lill-imsemmi Kenneth Caruana sabiex ihallas l-ammonti dovuti minnu permezz ta’ ittra legali (kopja taghha anness bhala Dok “L1”) u ghalhekk l-imghaxijiet fuq l-imsemmija somma minnu garantita bdew jiddekorru mit-22 ta’ Settembru 2001, u dan *a tenur* tal-klawsola 2(i) ta’ l-imsemmija *guarantee forms*;

Illi l-intimati George Farrugia u martu Josephine maghrufa bhala Josette Farrugia kkostitwixxew ruhhom garanti solidali bejn xulxin u mal-kumpanija debitrici principali *Group C Limited* favur il-Bank rikorrent sa l-ammont ta’ hamsin elf lira Maltija (Lm50,000.00 = €116,468.67) u dan fir-rigward tal-kont ta’ self precitat numru 033-086356-3012, u dan kif jirrizulta minn kuntratt datat it-28 ta’ Awissu 1996 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard (Dok “K3”);

Illi fit-22 ta’ Marzu 2002 permezz ta’ ittra legali (kopja taghha annessa bhala Dok. “L2”) il-Bank esponent interpella lill-imsemmija George Farrugia u martu Josephine maghrufa bhala Josette Farrugia sabiex ihallsu l-ammont dovut minnhom u ghalhekk l-imghaxijiet fuq l-imsemmija somma minnhom garantita bdew jiddekorru mit-22 ta’ Marzu 2002;

Illi l-bilanc komplessiv dovut fuq l-imsemmi kont self precitat numru 033-086356-302 fil-gurnata tas-16 ta’ Frar 2006 huwa sitta u erbghin elf, mitejn u tmienja u erbghin lira Maltija u tletin centezmu (Lm46,248.30 = €107,729.56) kif fuq inghad.

Illi l-intimati, ghalkemm interpellati biex ihallsu (*vide* Dok. “L1”, “L2” u “L3”), baqghgu inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tikkundanna lill-kumpanija intimata *Group C Limited*, debitrici principali, biex thallas il-Bank rikorrent l-ammont ta’ mitejn u sebgha u ghoxrin elf sitt mija u sitta u disghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu

(Lm227,696.86 = €530,391.01) *oltre* l-imghax mis-17 ta' Frar 2006 kif fuq spjegat u deciz;

2. Tikkundanna wkoll lill-intimat Kenneth Caruana bhala garanti solidali, solidalment mal-kumpanija ntimata debitrici principali kif ukoll mal-garanti l-ohra kollha sabiex ihallas lill-istess Bank rikorrenti l-ammont komplessiv (*oltre* mghax u spejjez kif jirrizulta mill-*gurantee forms* hawn fuq imsemmija) ta' mija u tletin elf lira Maltija (Lm130,000.00 = €302,818.54), fuq imsemmija minnu garantit u formanti parti mis-somma globali ta' mitejn u sebgha u ghoxrin elf sitt mija u sitta u disghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmi (Lm227,696.86 = €530,391.01) fuq imsemmija u dovuta kif intqal qabel *oltre* l-imghax mit-22 ta' Settembru 2001, u dan *a tenur* tal-klawsola 2(i) ta' l-imsemmija *guarantee forms*, dokumenti "G1", "G2" u "G3";

3. Tikkundanna wkoll lill-intimati George Farrugia u martu Josephine maghrufa bhala Josette Farrugia garanti solidali, solidament mal-kumpaniji ntimati debitrici kif ukoll mal-garanti l-ohra kollha sabiex ihallsu lill-istess Bank rikorrenti l-ammont ta' sitta u erbghin elf mitejn u tmienja u erbghin lira Maltija u tletin centezmu (Lm46,248.30 = €107,729.56) dovuta kif intqal *oltre* l-imghax mis-17 ta' Frar 2006.

Bl-ispejjez tal-kawza odjerna, ta' l-ittra legali msemmija u tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati Dok "G1" sa Dok "G3", Dok "K1" sa Dok "K4", Dok "L1 sa Dok "L3" u dok "P1" sa Dok "P4" kollox kif jidher minn fol. 5 sa fol. 54 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-HSBC Malta p.l.c. datat 24 ta' Frar 2006 a fol. 56 tal-process fejn is-socjeta' rikorrenti talbet lill-Onorabbli Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Kenneth Caruana fl-atti tar-rikors guramentat fl-ismijiet premessi illi qieghed jigi kontestwalment ma' dan r-rikors, kif ukoll fl-atti kollha

relattivi u sussegwenti. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Lino Farrugia Sacco rat id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxall, u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija, il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Mark Busuttil u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dan bid-digriet moghti fid-29 ta' Mejju 2006 kif jidher a fol. 58 tal-process.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smiegh minn din il-Qorti kif illum presjeduta ghas-seduta tat-3 ta' Ottubru 2006.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Dr. Mark Busuttil u l-PL Hilda Ellul Mercer datata 28 ta' Awissu 2006 a fol. 64 tal-process fejn Dr. Mark Busuttil espona:-

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw id-dritt li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom b'mod motivat fi stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-Kuraturi Deputati a fol. 65 tal-process.

Rat in-nota tal-kuraturi deputati datata l-11 ta' Settembru 2006 (fol. 66) li bija esebew ittra datata 25 ta' Awissu debitament mibghuta lill-ufficcju legali tal-Bank attrici (Dok "MB").

Rat in-nota ta' HSBC Bank Malta p.l.c. datata 27 ta' Settembru 2006 (fol. 68) li permezz taghha esebixxa zewg affidavits. (Dok "A" u Dok "B").

Rat ir-risposta ta' George Farrugia u martu Josephine maghrufa bhala Josette Farrugia datata 2 ta' Ottubru 2006 a fol. 75 tal-process fejn esponew:-

(1) Illi t-talbiet attrici hekk kif diretti fil-konfront ta' l-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali

ghandhom jigu michuda *stante* li b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 1959 tal-Kodici Civili** l-esponenti ghandhom jitqiesu bhala mehlusa mill-garanzija li fuqha hija msejsa l-azzjoni attrici hekk kif diretta kontrihom;

(2) Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ghandhom fi kwalsijasi kaz jibbenefikaw minn dak dispost mill-**artikolu 1960 tal-Kodici Civili**;

(3) Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` attrici jehtigilha tipprova l-ammont minnha reklamat fil-konfront ta' l-esponenti *stante* li l-istess huwa kontestat;

(4) Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-permess, it-talba ghall-hlas ta' imghax hekk kif diretta kontra l-esponenti tikser id-dispost ta' l-**artikolu 1141(2),** kif ukoll id-dispost ta' l-**artikolu 1142 tal-Kodici Civili**;

(5) Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, *ai termini* tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard datat 28 ta' Awissu 1996 il-garanzija moghtija mill-esponenti fuq l-istess kuntratt kienet "*limited to the special hypothec on the two apartments abovementioned and does affect the other assets both present and future of Spouses Farrugia*". Ghalhekk it-talbiet attrici *in quanto* diretti kontra l-esponenti ghandhom dejjem u fi kwalsijasi kaz jigu arginati fil-parametri tal-premess.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' George Farrugia u martu Josephine maghrufa Josette Farrugia.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti annessi u mmarkati minn Dok "A" sa Dok "E" ta' l-istess konvenuti George Farrugia u martu Josephine maghrufa Josette Farrugia.

Rat in-nota tal-Bank attur datata 2 ta’ Novembru 2006 a fol. 110 tal-process li permezz taghha esebixxa affidavit tal-P.L. Jonathan De Maria (dok “A”).

Rat in-nota tal-HSBC Bank Malta p.l.c. datata 12 ta’ Marzu 2007 li permezz taghha pprezenta estratt tal-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta’ Jannar 2007, u tal-gazzetta lokali The Malta Independent tas-16 ta’ Frar 2007, kif gie ordnat fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2006, kollox kif jidher minn fol. 124 sa fol. 129 tal-process.

Rat li s-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-affissjoni datata 19 ta’ Ottubru 2006 u 5 ta’ Marzu 2007 u bil-pubblikazzjonijiet fuq indikati u l-istess socjeta’ konvenuta ma pprezentat l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u lanqas dehret fil-kawza u b’hekk l-istess socjeta’ konvenuta baqghet kontumaci.

Rat in-nota tal-konvenuti George u martu Josephine (*sive* Josette) Farrugia datata 24 ta’ April 2007 (fol.130) li permezz taghha pprezentaw l-affidavits taghhom stess u d-dokumenti annessi u mmarkati minn Dok “A’ sa Dok. “G”.

Rat in-nota ta’ HSBC Bank Malta p.l.c. datata 11 ta’ Mejju 2007 a fol. 202 tal-process li biha l-Bank attur ceda l-kawza fil-konfront tal-konvenuti George u Josette Farrugia u sabiex l-istess Bank jidderigi ruhu ahjar, filwaqt li zamm ferm l-atti tal-kawza precitata fil-konfront tal-konvenuti l-ohra kollha.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relatati.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-kawza attrici hija dwar krediti li l-bank attur ghandu kontra s-socjeta' konvenuta Group C Limited fl-ammont globali ta' mitejn u sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u sitta u disghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm227,696.86 = € 530,391.01).

Illi l-istess ammont huwa kompost mis-somma ta' Lm51,685.31 [€120,394.39] li minnhom hemm is-somma ta' Lm37,781.66 [€88,007.59] bhala bilanc kapitali fuq kont ta' self kostitwiet b'kuntratt datat 7 ta' Settembru 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard (Dok. "K1") – kont numru 033 – 086356 – 300) u Lm13,903.65 [€32,386.86] bhala mghax sad-data tas-16 ta' Frar 2006 (Dok. "P1"); Lm57,459.01 [€133,843.49] li minnhom hemm is-somma ta' Lm37,781.66 [€88,007.59] bhala bilanc kapitali fuq kont ta' self li sar b'kuntratt datat 9 ta' Jannar 1995 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard (Dok. "K2") – (kont numru 033 – 086356 – 301) u Lm21,520.53 [€50,129.35] bhala mghax sad-data tas-16 ta' Frar 2006 (Dok. "P2"); Lm46,248.30 [€107,729.56] li minnhom hemm is-somma ta' Lm30,564.34 [€71,195.76] bhala bilanc kapitali fuq kont ta' self li sar b'kuntratt datat 28 ta' Awissu 1996 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard (Dok. "K3") – (kont numru 033 – 086356 – 302) u Lm15,683.96 [€36,533.80] bhala mghax sad-data tas-16 ta' Frar 2006 (Dok. "P3"); Lm72,304.24 [€168,423.57] li minnhom hemm is-somma ta' Lm56,560.63 [€131,750.83] bhala bilanc kapitali fuq kont ta' self li sar b'kuntratt datat 7 ta' Settembru 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard (Dok. "K4") – (kont numru 033 – 086356 – 340) u Lm15,743.61 [€36,672.75] bhala mghax sad-data tas-16 ta' Frar 2006 (Dok. "P4") u dan minbarra mghax ulterjuri mid-data tas-17 ta' Frar 2006 sal-effettiv pagament.

Illi dan kollu gie kkonfermat mir-rikors guramentat, mid-dokumenti kollha esebiti ma' l-istess azzjoni attrici fil-lista ta' dokumenti hemm annessa, dokumenti li saret riferenza ghalihom f'din id-decizjoni u wkoll mix-xhieda ta' Sharon Camilleri (affidavit tas-26 ta' Settembru 2006 u rendikont relattiv anness ma' l-istess) u dik tal-Prokuratur Legali Jonathan de Maria (affidavit datat 26 ta' Settembru 2006 – fol. 74) fejn ikkonferma li l-istess ammont ghadu kollu

dovut, kif fil-fatt ivverbalizza fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2007 (fol. 121). Ma hemm l-ebda prova kontrarja ghal dawn il-provi u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Group C Limited ghandha u qed tigi milqugha.

Illi fil-konfront ta' Kenneth Caruana jirrizulta li l-istess konvenut personalment ikkostitwixxa ruhu bhala garanti solidali mas-socjeta' konvenuta Group C Limited bhala debitur principali u mal-garanti solidali l-ohra u dan fis-somma ta' Lm130,000 [€302,818.54], kwantu ghal Lm30,000 [€69,881.20] skond formola ta' garanzija datata 7 ta' Settembru 1993 (Dok. "G1"), Lm60,000 [€139,762.40] skond formola ta' garanzija ohra datata wkoll 7 ta' Settembru 1993 (Dok. "G") u ghas-somma ta' Lm40,000 [€93,174.94] skond *Guarantee Form* tad-9 ta' Jannar 1995 (Dok. "G 3"), tali dokumenti lkoll annessi mal-lista ta' dokumenti annessi mar-rikors guramentat u peress li allura t-tieni talba attrici wkoll qed tigi milqugha ghaliex giet ippruvata u ma giet bl-ebda mod kontradetta lanqas mill-kuraturi deputati appuntanti sabiex jirrapresentaw lill-assenti Kenneth Caruana.

Illi dwar it-tielet talba attrici fil-konfront tal-konvenuti George u Josephine Farrugia bhala garanti solidali minhabba n-nota ta' cessjoni attrici fil-konfront taghhom permezz ta' nota ta' cessjoni relattiva datata 11 ta' Mejju 2007 (fol. 202) din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess tielet talba attrici fil-konfront tal-konvenuti George u Josephine Farrugia bhala garanti solidali.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici fil-konfront tal-konvenuti George u Josephine Farrugia bhala garanti solidali u dan *stante* li s-socjeta' attrici cediet l-istess kawza fil-konfront ta' l-imsemmija konvenuti George u Josephine Farrugia permezz ta' nota ta' cessjoni datata 11 ta' Mejju 2007, u fil-waqt li tichad n-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma b'xi nkonsistenti ma'

dak hawn deciz, u fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta Group C Limited, **tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici** fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-kumpanija intimata konvenuta *Group C Limited*, debitrici principali, biex thallas il-Bank rikorrent l-ammont ta' mitejn u sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u sitta u disghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm227,696.86) [hames mija u tletin, tlett mija u wiehed u disghin elf Ewro u centezmu ta' l-Ewro - €530,391.01] *oltre* l-imghax mis-17 ta' Frar 2006 kif fuq spjegat;

2. Tikkundanna wkoll lill-intimat Kenneth Caruana bhala garanti solidali, solidalment mal-kumpanija ntimata debitrici principali kif ukoll mal-garanti l-ohra kollha sabiex ihallas lill-istess Bank rikorrenti l-ammont komplessiv (*oltre* mghax u spejjez kif jirrizulta mill-*guarantee forms* hawn fuq imsemmija) ta' mija u tletin elf lira Maltija (Lm130,000.00) [tliet mija u zewgt elef, tmien mija u tmintax-il Euro u erbgha u hamsin centezmi ta' l-Euro - €302,818.54] fuq imsemmija minnu garantit u formanti parti mis-somma globali ta' mitejn u sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u sitta u disghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmi (Lm227,696.86) [hames mija u tletin, tlett mija u wiehed u disghin elf Ewro u centezmu ta' l-Ewro - €530,391.01] fuq imsemmija u dovuta kif hawn deciz *oltre* l-imghax mit-22 ta' Settembru 2001, u dan *a tenur* tal-klawsola 2 (i) ta' l-imsemmija *guarantee forms*, dokumenti "G1", "G2" u "G3";

Bl-ispejjez tal-kawza odjerna nkluzi dawk ta' l-ittra legali msemmija u tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment mal-azzjoni attrici, u bl-imghaxijiet legali fuq indikati rispettivament sal-pagament effettiv kontra l-intimati konvenuti Group C Limited u Kenneth Caruana, b'dan li l-ispejjez tal-konvenuti George u Josephine Farrugia ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------